MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tat-22 ta' Novembru, 2012

Appell Kriminali Numru. 24/2011

**Appell Nru: 24/2011**
**Il-Pulizija**
**Vs**
**Sandro Spiteri**

Illum 22 ta' Novembru, 2012
Il-Qorti,
Rat l-akkuza migjuba kontra l-appellant Sandro Spiteri, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli :
Talli fit-12 ta' Mejju 2008 u matul it-tliet xhur ta' qabel din id-data f'dawn il-gzejjer:

1. Kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li

jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas milli jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Kellu fil-pussess tieghu d-droga kokajina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas milli jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/39) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Akkuzat ukoll talli kiser il-kundizzjoni imposta fuqu b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati ta' Malta datata 28 ta' Lulju 2004, kif ukoll ikkommetta reat li ghalih hemm il-piena ta' prigunerija waqt il-perjodu operativ ta' sentenza sospiza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati ta' Malta datata 28 ta' Lulju 2004.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond l-artikolu 533(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-17 ta' Jannar, 2011, fejn il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet 4 u 6, l-Artikoli 22(1)(a) u 22 (2) (b) (ii) tal-Kapitolu 101 u r-Regolament 9 tal-GN 292/1939 u l-Artikolu 17(b) tal-Kapitolu 9 sabet lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu, u ikkundannatu ghall-hlas ta' multa ta' elf u hames mitt Euro (€1,500.00), li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-

Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta tista’ tithallas b’rati mensili u konsekuttivi ta’ hamsin Euro (€50.00), b’dan li l-ewwel pagament ikun dovut sa mhux aktar tard mill-1 ta’ Frar 2011, b’dan li jekk l-hati jonqos li jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta’ gurnata habs ghal kull hdax-il Euro u hamsa u sittin centezmu (€11.65) dovut.
Tordna ulterjorment, ai termini ta’ l-Artikolu 28B(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, li l-piena ta’ prigunerija ta’ sentejn habs sospizi ghal erba’ (4) snin moghtija permezz ta’ sentenza fl-ismijiet premessi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) nhar it-28 ta’ Lulju 2004 tigi reza operattiva, u b’hekk il-hati ghandu jaghmel perjodu ta’ sentejn (2) prigunerija, apparti l-hlas tal-multa fuq imposta.
Il-Qorti ordnat id-distruzzjoni tad-droga u ta’ l-affarijiet relatati maghha ezebiti taht is-supervizjoni tar-Registratur.
Fl-ahharnett, il-Qorti attirat l-attenzjoni tad-Direttur tal-Facilita Korrettiva ta’ Kordin li minhabba l-problema li ghandu l-hati ta’ abbuz ta’ droga, jehtieg li jinghata l-kura kollha mehtiega minhabba tali problema.
Rat ir-rikors tal-appellant Sandro Spiteri pprezentat fir-registru ta’ din il-Qorti nhar il-25 ta’ Jannar 2011 li bih talab lil din il-Qorti, tirriforma is-sentenza appellata f’ dik il-parti fejn sabet lill-imputat hati filwaqt li tbiddel u tvarja l-piena nflitta u tissostitwiha ghal wahda aktar miti u gusta u dan skond dawk il-provvidementi li l-Qorti jidrilha xierqa u opportuni.
Fliet l-atti kollha processwali.
Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat, esebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.
Rat l-aggravji tal-appellant Sandro Spiteri li huma is-segwenti:
1. Illi l-aggravju principali tal-esponent jikkonsisti filli ghalkemm il-Qorti Inferjuri ghamlet referenza ghas-sentenza tat-28 ta’ Lulju, 2004 li mponiet fuq l-imputat sentenza sospiza, din l-istess Qorti naqset li taghti dik l-importanza relattiva lejn it-trapass taz-zmien, bejn is-sentenza imsemmija u r-reat odjern, kif ukoll it-trapass taz-zmien bejn ir-reat odjern u d-data effettiva tas-sentenza odjerna.
Dan qed jinghad billi bejn is-sentenza li mponiet is-sentenza sospiza u d-data tar-reat odjern, ghaddew tlett

snin u bejn sitta u disa` xhur (konsiderando id-data tat-12 ta' Mejju, 2008 u matul it-tlett xhur qabel skont l-akkuza) ;
Illi inoltre, bejn id-data tar-reat li dwaru qed jigi gudikat (12 ta' Mejju, 2008) u d-data tas-sentenza (17 ta' Jannar, 2011) (u dan mhux tort tal-Qorti sedenti izda lanqas tort tal-imputat illum appellant) regghu ghaddew l fuq minn sentejn ohra ;
Illi dan it-trapass kollu taz-zmien ghandu jimmilita favur l-appellant filli l-Qorti kellha minflok tordna li ggib fis-sehh it-terminu effettiva ta' prigunerija, iggedded iz-zmien ta' sospensjoni.
Illi in oltre, il-Qorti infliggiet piena ta' hlas ta' multa fuq l-imputat liema piena hija wahda eccessiva tenendo kont tac-crikostanzi partikolari ta' dan il-kaz.
Illi l-impozizzjoni ta' multa ta' elf u hames mitt euro (€1500) f'kaz ta' pussess ta' droga, zgur li mhux se sservi biex il-persuna jirriabilita` ruhhu mill-vizzju tad-droga anzi se sservi biss biex il-persuna lio tkun qed tipprova tirriforma hajjitha minn dan il-vizzju tispicca tiffaccja aktar zmien fil-habs jekk ma tkunx f'pozizzjoni li thallas dik il-multa.
Illi f'dan il-kaz, aktar si tratta li l-gustizzja trid issir billi apparti li l-persuna tigi kkundannata ghar-reat minnha mmess, il-persuna trid titpogga f'sitwazzjoni li fiha, bl-ghajnuna tal-istrutturi appositi, tigi meghuna teghleb il-vizzju li wasslitha f'din is-sitwazzjoni hekk hazina fil-hajja taghha.
2. Illi fid-deliberazzjoni taghha dwar it-tehid tad-droga, din il-Qorti ghamlet referenza ghall-istqarrija tal-imputat esebita mill-prosekuzzjoni li fija jinghad li l-appellat ammett t-tehid tad-droga matul l-erba` snin precedenti.
Illi dan huwa kontradett mic-cirkostanzi tal-istess sentenza u dan billi matul l-istess perjodu tas-sentenza sospiza kien hemm nominat Ufficjal tal-Probation, li kellu jkun huwa bhala ufficjal nominat mill-Qorti li jirraporta u jinforma lill-Qorti l-ksur tal-istess kundizzjonijiet jekk verament sehhew.
Illi l-Qorti tal-Magistrati meta rrefferiet ghall-istqarrija tal-imputat ghamlet referenza lejn dokument li ghalkemm formanti parti mill-Atti, ma kienx konfermat fil-veracita` tieghu bil-mod kontenzjuz ipprattikat minn dawn il-Qrati. Dan qed jinghad billi galadarba kien hemm konfront bejn

dak kontenut fl-istqarrija u c-cirkostanzi fattwali ta' Probation Officer, dik il-Qorti kellha taghmel il-verifiki taghha billi jissejjah l-istess Probation Officer sabiex jikkonferma jekk kienx hemm ksur tal-ordnijiet imposti mill-Qorti fis-sentenza taghha tat-28 ta' Lulju, 2004.
Illi dawn il-fatturi kellhom, u ghandhom posittivament jincidu fuq piena ferm aktar miti minn dik erogata mill-ewwel Qorti.

Ikkunsidrat.

Illi dan huwa appell dwar il-piena, l-appellant qieghed jilmenta illi l-piena moghtija hija harxa wisq aktar u aktar issa li qieghed johrog mil-problema serja tad-droga illi kellu. Argumenta illi veru illi fil-passat kellu hajja refrettarja, pero' llum ghamel progress kbir u jekk jintbghat lura l-habs jigi f'sitwazzjoni aghar milli kien qabel. L-aggravju ta' l-appellant jikkonsisti principalment fil-fatt illi l-ewwel Qorti naqset illi taghti dik l-importanza relattiva lejn it-trapass ta'zmien bejn is-Sentenza msemmija u r-reat odjern,dan it-trapass kellu jimmilita favur l-appellant aktar u aktar meta fi stadju bikri ammetta l-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu.

Ikkunsidrat.

Dawn l-argumenti jidhru illi diga gew ikkunsidrati mill-ewwel Qorti, tant illi bidiet il-konsiderazzjoni taghha propju bir-rikonoxximent ta' l-ammissjoni bikrija maghmula mill-appellant kif ukoll il-fatt illi huwa kkopera mal-pulizija. Pero' lanqas ma seta' jaharbilha illi s-sitwazzjoni illi l-appellant diga nghata diversi opportunitajiet sabiex jirriforma ruhu, fil-fatt huwa nghata l-liberta kondizzjonata fi tliet okkazjonijiet u ordni ta' probation f'zewg okkazjonijiet ohra. Fl-ahhar okkazjoni gie kkundannat ghal sentejn prigunerija sospizi ghal erba' snin. Kien f'dan it-terminu meta kkommetta dawn ir-reati! Dana wassal lill-ewwel Qorti sabiex tikkonkludi ili "*Sfortunatament jirrizulta li minkejja dawn l-isforzi u opportunitajiet kollha l-imputat ma tghallem xejn*". Kien ghalhekk illi l-ewwel Qorti kienet tal-fehma illi fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet l-appellant inghata

opportunitajiet bizzejjed sabiex jirriforma ruhu u issa wasal mument fejn ma jistax jippretendi illi l-Qorti se tibqa tkun hanina mieghu. Ma jistax ikun illi jkollok sitwazzjoni fejn persuna tibqa fi ksur tal-ligi repitutament tinghata opportunita` wara l-ohra xorta ma taghtix kaz u terga jigi quddiem il-Qorti u titlob il-hniena. Ghalhekk din il-Qorti taqbel mal-konkluzjoni illi waslet ghaliha l-ewwl Qorti, l-appellant inghata bizzejjed opportunitajiet izda qatt ma tghallem minnhom u mhux il-kaz illi issa jinghata aktar opportunitajiet.

Ghal dak li jirrigwardja l-piena, l-principju regolatur huwa li mhux normali li tigi disturbata d-deskrizzjoni ta' l-ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-Ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika illi kellha tkun anqas minn dak li tkun fil-fatt. Irrizulta illi l-piena nflitta tidhol fil-parametri tal-Ligi u ghalhekk mhux il-kaz illi din tigi disturbata.

Ghal dawn il-mottivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tichad l-appell u tikkonferma s-Sentenza appellat.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------